# IL-PRESEPJU

Ħarġa 87 - Jannar 2016



Fuljett maħruġ mill-
Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta

c/o Amaltea, 56, Triq il-Marg, Attard ATD 2382 - Malta

Newspaper Post

Fuljett maħruġ kull tliet xhur
mill-Għaqda
Ħbieb Tal-Presepju,
Malta.

VO/0844

*Kull korrispondenza*
*għandha tiġi indirizzata*
lis-Segretarju,
is-Sur Charles A. Bellia
'Amaltea'
56, Triq il-Marġ,
Attard ATD 2382,
Malta

**IL-PRESEPJU**
jitqassam lill-membri
tal-Għaqda u għalhekk
biex tirċevih ħallas
il-miżata ta' €5 kull sena
lill-kaxxier.
Kontribuzzjonijiet oħra
tagħkom ħalli jinfdew
il-ħlasijiet ta'
l-istampar huma ferm
apprezzati.

Apprezzament speċjali jmur
għas-Sinjura Jessie Chircop
li ħadet ħsieb
il-'proof-reading'

# Werrej

L-Editorjal ........ 3
Kelmtejn mill-President ........ 4
Paġna għat-Tfal ........ 5
Laqgħa Ġenerali Annwali ........ 6
Poeżija ........ 7
Il-Bambini tal-Milied ........ 8
Mixja Ta' Tletin Sena ........ 10
Il-Fuljett ........ 12
Il-Milied ġo San Francisco ........ 14

**Stampat:** BEST Print CO. LTD
Żurrieq Road, Qrendi.
Tel: 2168 0789, 2164 9012
bestprint@maltanet.net

**Setting:**
**Aldo Busuttil**

**L-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta, tixtieq tirringrazzja lil kull min kiteb f'din il-ħarġa tal-fuljett.**

# L-Editorjal

Pass wara pass tinduna li tkun bdejt mixja. Kien propju fis-7 t'Ottubru tal-1986 meta l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju - Malta rat id-dawl fis-soċjetà Maltija. Kienu ftit nies li ħassew li l-Presepju kien beda jnin u postu beda jittieħed mis-siġra tal-Milied. Kien żmien ta' qtigħ -il qalb. Bdew ġejjin ħafna mistoqsijiet. Ser tirnexxi jew le? It-tletin sena li nħoss li taru bħal leħħa ta' berqa, ħallew il-marka tagħhom. Illum, meta tħares lura, tinduna x-xogħol siewi u ta' fejda li kull kumitat wetaq matul is-snin.

Jien kont wieħed minn dawk li jafu t-twaqqif tal-għaqda. L-ewwel laqgħa ġenerali kienet saret f'kamra tonda u żgħira taħt il-knisja ta' Santu Wistin, magħrufa bħala l-knisja ta' Santa Rita. Kienet l-ewwel laqgħa għad-dilettanti tal-presepju. Konna ftit nies għax għalkemm l-avviż kien sar fuq il-ġurnali lokali, mhux kulħadd kien jaf biha. Meta bdiet tinxtered il-kelma, kif ukoll bl-ewwel wirja fis-Sala tal-Franġiskani, Triq Brittanja li issa nafuha bħala Triq Melita, n-nies bdew jiżdiedu. L-interess beda jikber. L-għadd tal-membri beda jaqbeż il-mijiet. Beda jinħass li d-delizzju tal-presepju kien għadu jnemnem f'qalb il-Maltin. Il-lectures kienu jsiru għall-ħabta ta' Mejju u Settembru fejn kienet tintwera t-teknika u l-kostruzzjoni tal-presepju. Kien ikun hemm ħafna tagħrif dwar il-presepju. Dejjem kien hemm konkorrenza tajba għal dawn il-laqgħat. Dan kien ta' inkoraġġiment. Minn hemm 'il quddiem l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta qatt ma ħarset lura. L-għanijiet tal-Għaqda jispjegaw ċar u tond il-ħidma aħħarija tagħha. L-aktar importanti huwa li l-Presepju jerġa' jsib postu f'kull dar ta' Malta u Għawdex. F'dawn it-tletin sena, nħarsu madwarna, nsibu li dan il-għan intlaħaq u kif!.... Prosit.

Bħal ma qed tindunaw, il-fuljett reġa' mar għall-format ta' ftit snin ilu. Wara ħafna diskussjonijiet fil-kumitat, ġie deċiż li jibda joħroġ format li kien beda joħroġ fil-bidu tat-twaqqif tiegħu. Dan sar għal ħafna raġunijiet. L-ispejjeż qegħdin jikbru, diffiċli biex niġbru reklami, kif ukoll il-posta għoliet ħafna. Il-kumitat ħass li kellu jieħu dan il-pass. Jien, f'isem il-kumitat, nitlob li min jista' jagħti l-għajnuna fil-ġbir tar-riklami, materjal għall-pubblikazzjoni jew fix-xogħol li jkun hemm bżonn li jsir, jersaq 'il quddiem u joffri s-servizzi tiegħu.

F'isem il-membri nixtieq ngħid grazzi lil kull minn ħadem u min għadu jagħti sehmu fil-preżent biex l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju Malta tkun magħrufa kemm f'Malta kif ukoll mal-erbat irjieħ tad-dinja. Ad Multos Anni.

Nixtieq nagħti l-Għid it-Tajeb lill-Kumitat, membri u familjari tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju-Maltaj

**Frans Chircop**

**Editur**

# *Kelmtejn mill-President*



**Andrew Spiteri**
**President**

Għall-grazzja t'Alla bdejna sena oħra li fiha, bħal ma kulhadd jaf, ser infakkru t-30 sena mit-twaqqif tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta. Dan ifisser li ser tkun sena ta' ħidma favur il-presepju.

Matul is-sena li għaddiet ikkonċentrajna fuq xogħol ta' tisbieħ fis-sala ewlenija u ż-żewgt ikmamar ta barra. Dawn ġew mgħammra b'dawl u purtieri ġodda, suffetti u għall-ewwel darba armajna presepju fuq il-palk bil-pasturi kbar li nxtraw mil-Għaqda. Dan kollu kien possibli bl-għajnuna tal-membri tal Kunsill Amministrattiv u xi membri oħra. Ta' dan nirringrazzja lil kull min ta sehmu.

Din is-sena jmiss li naħsbu għall-armar adegwat għall-faċċata ta' barra u parti minn Triq Melita. Dan biex niġbdu l-attenzjoni tal-pubbliku li jkun għaddej minn Triq ir-Repubbblika li mhux dejjem ikun jaf bil-wirja tagħna.

Iżda qabel nibdew dan ix-xogħol irridu nħarsu lejn l-2015 u naraw fejn morna tajjeb u fejn stajna morna aħjar. Dan ser nagħmluh waqt il-Laqgħa Ġenerali Annwali li ser issir minn hawn u ftit ġimgħat oħra. F'paġna oħra tal-fuljett issibu d-dettalji kollha. Għalhekk nixtieq nagħlaq dawn il-kelmtejn billi nħeġġiġkom tkunu preżenti għal din il-Laqgħa importanti u tagħtu sehemkom biex l-Għaqda tagħna tkompli miexja 'l quddiem.

Inselli għalikom u mil-ġdid nixtiqilkom is-sena tajba.

## *Laqgħa Ġenerali Annwali*

**Nhar il-ĠIMGĦA 11 ta' Marzu, 2016 fis-5.45pm**
**fis-Sala San Franġisk, Triq Melita, Valletta**

Dettalji f'paġna oħra ta' dan il-fuljett!

# Paġna għat-Tfal

Tfal f'artijiet barranin fil-Milied

- It-tfal tar-Rumanija jmorru jduru fit-triqat u jkantaw l-għana tal-Milied. Magħhom iġorru kewkba tixgħel. Xi kultant ikollhom ukoll tejatru tal-logħob biex juru xi xeni tal-Iskrittura.
- Fil-Polonja, dawk it-tfal li joħorġu jkantaw, jilbsu lbies ta' xi annimal bħal, ngħidu aħna, papri, ċriev, u oħrajn. U dawk li jarawhom u jisimgħuhom jagħtuhom il-kejkijiet.
- Hija drawwa popolari fost ħafna tfal li fil-lejl tal-Milied idendlu kalzetta ma' ġenb is-sodda biex Santa Klaws jimlihielhom matul il-lejl. Fi Franza, minflok kalzetta, jpoġġu żarbuna tal-injam...... u minnflok Santa Klaus isejħulu Papa Noel.
- Ħafna huma dawk it-tfal li jirċievu xi rigali mingħand iz-zijiet jew xi ħadd ieħor. It-tfal tan-Norveġja jkollhom biċċa xogħol biex jakkwistaw ir-rigali tagħhom, għaliex ir-rigali jaħbuhomlhom f'xi rokna mwarrba u fil-Milied filgħodu kollha jibdew ifittxuhom.



# *Laqgħa Ġenerali Annwali*

## Nhar il-ĠIMGĦA 11 ta' Marzu, 2016
## fis-5.45pm
### fis-Sala San Franġisk, Triq Melita, Valletta

**AĠENDA:**

1. Ftuħ mill-President
2. Qari tal-Minuti tal-aħħar Laqgħa Ġenerali
   Kummenti u approvazzjoni
3. Rapport Amministrattiv
   Kummenti, replika mis-Segretarju u approvazzjoni **
4. Rapport Finanzjarju
   Kummenti u approvazzjoni
5. Emendi għall-Istatut u Mozzjonijiet ***
6. Ħatra ta' żewġ Reviżuri għas-sena 2015/2016
7. Egħluq tal-Laqgħa mill-President u aġġornament

F'każ ta' nuqqas ta' Quorum fis-5.45 p.m il-laqgħa tibda fis-6.00 p.m. bil-membri preżenti.

** Kummenti jew suġġerimenti dwar l-Għaqda jew l-andament tagħha għandhom isiru immedjatament wara l-qari tar-rapport Amministrattiv.

Ma jkunx hemm ħin ieħor għal dawn il-kummenti.

*** Mozzjonijiet jew Proposti għal tibdil fl-Istatut għandhom jaslu bil-posta għand is-Segretarju sa nhar l-ERBGĦA 2 TA' MARZU, 2016.

**Charles A. Bellia**
Segretarju

# Poeżija

Fis-sema sewdieni, bla qamar fis-skiet,
Il-kwiekeb leqqiena iteptpu fil-kwiet,
U x-xita tikk tikk, bħal swaba t-tektik,
Mal-ħġieġ bla heda u waqfien.

It-twieqi miftuħa f'kull dar mixgħulin,
Bil-bozoz ħamrana u ħadrana jixgħelu flimkien.
Bil-qamħ u l-ġulbiena, f'maxtura mdawrin,
Jitbissem tax-xemgħa l-Bambin.

Mil-bogħod, riekeb fuq il-fewġa tar-riħ,
Jinstama' l-kant ħlejju fit-triq ta' "Ninni....."
Tat-tfal ċkejknin, bil-Bambin mexjin,
U wara lejn djarhom fis-sodda mgezzin.

Fit-toroq ileqqu, mxarrba, n-nies,
Imlefilfa minħabba l-ksieħ, tgħaġġel,
Lejn il-Knisja mixgħula bis-sħiħ,
Ħa tisma' l-quddiesa u l-priedka taż-żgħir.

Mad-daqq bla ma jaqta' tal-qniepen ferħana,
Tal-orgni n-noti jitħalltu, u ballata,
Ta' ilħna irqaq u ħerqana tat-tfal żgħar,
Ikantaw tal-Milied il-għana.

Ejja u erġa' twieled fi qlubna int ċkejken Bambin,
u nissel l-imħabba fost l-aħwa l-Bnedmin,
u iżra' l-mogħdrija, s-sliem,
Fil-Ġnus kollha flimkien.

**Alfred Zarb**

# Il-Bambini tal-Milied

Ħwejjeġ tal-iskantament l-għadd kbir ta' Bambini li wieħed isib fil- Gżejjer Maltin u dan minkejja li ħafna nqerdu speċjalment dawk tax-xema' minħabba n-natura fraġli tagħha. Hemm xi ftit devozzjonali u oħrajn jinżammu bhala tiżjin fid-dar; hemm l-antiki ta' snin ilu u l-moderni tallum. Għadd kbir ta' Bambini antiki huma ta' mgħallmin x'aktarx barranin waqt li għandna madwarna oħrajn moderni, speċjalment ta' wara l-gwerra, ta' mgħallmin Maltin. Illum insemmu l-Bambin ta' Ġerada jew ta' Farrugia u mhemmx fejn tasal iżjed. Għalhekk hu l-ħsieb ta' din il-kitba li biha wieħed ikun jista' jfassal bħal mappa tal-Bambini fejn jinsabu, ż-żmien tagħhom, minn fejn ġew, u fuq kollox isir jaf it-tradizzjonijiet marbutin magħhom.

Billi f'ħajti għamilt bosta xogħol ta' restawr ta' Bambini kif ukoll xogħol ta' Bambini tal-ġibs tista' taħseb kif daħlet ġo fija l-imħabba lejn il-Bambin sew min-naħa artistika kif ukoll min-naħa reliġjuża. Dejjem xtaqt li nħalli warajja dak kollu li sirt naf dwar il-Bambini billi naf kemm ftit inkiteb hawn Malta dwarhom. Xtaqt li xogħol bħal dan inbeda qabel billi tlifna f'pajjiżna, kif forsi ġara banda oħra, bosta xogħlijiet. Ngħid hekk sew imħabba I-fraġilita tax-xogħlijiet tax-xema', ma kienx hemm apprezzament biżżejjed ta' arti bħal din u li dan jgħodd għal xorta oħra ta' oġġetti antiki. Qisna llum sirna iżjed konxji mill-valur ta' oġġetti antiki u qed napprezzawhom iżjed. Ara x'ġara llum minħabba l-ġenn għall- ganutell! Kemm qed isir xogħol għall-bozoz u li fihom ipoġġu xi Bambin ukoll jekk ikun modern. Naf ukoll min nefaq flus sewwa biex xtara Bambin antik biex ipoġġih f'bozza tal-ganutell modern; insomma l-antik mal-modern!



Il-presepju minn dejjem kien jiġbed l-attenzjoni tal-kbar u taż-żgħar iżda l-Bambin armati fit-twieqi li jagħtu għall-faċċata tad-djar u fil-kmamar ta' barra ta' wara l-bieb tad-djar kienu wisq iżjed numerużi biex ma nsemmux dawk f'xi bozza li kont tarahom is-sena kollha mqegħdin fuq xi gredenza

mżejnin għall-festa tal-Milied bil-ġulbiena u bid-dawl ta' xemgħa tnemnem quddiemhom.

Daqqa t'għajn lejn kif daħal il-Bambin fl-istorja tal-Knisja turina li dan mhux mill-bidu tagħha kien parti sħiħa tal-liturġija tagħha iżda d-devozzjoni lejh daħlet insensibbilment l-ewwel fost erwieħ qaddisin u wara fost bosta lajċi li riedu jintrabtu mal-Bambin. Qatt ħadd ma ra fl-antik xi purċissjoni jew manifestazzjoni dwar il-Bambin u għadu hekk sal-lum tħalli xi ċelebrazzjonijiet speċjali fil-Filippini jew fl-Amerika Latina, din ta' Malta mibdija min San Ġorġ Preca hi speċjali u għadha sejra.

X'naqbad nagħmel biex nirringrazzja kif meħtieġ tant ħbieb, superjuri ta' kunventi u monasteri li ħallewni neżamina l-Bambini tagħhom. Nies li daħħluni fi djarhom billi kellhom xi Bambin antik, oħrajn li kull sena jarmaw b'xi wieħed modern iżda li jsebbaħ id-dar għal żmien il-Milied. Nirringrazzja lil sħabi tal-Mużew, l-iżjed lis Segretarju Reġjonali Ruben Pace, li sibt għajnuna kbira fih fit-taħriġ li għamilt dwar il-Bambini tal-purċissjoni ta' lejlet il-Milied. Nixtieq nirringrazzja lil Pawlu Pace ta' Birkirkara li tani l-permess li nieħu ħafna ritratti tal-Bambini li għandu fil-Mużew tiegħu.

**Joseph Muscat**

# Għanijiet

## tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju

**huma:**

*• Li l-presepju jkompli jinbena fil-familji Maltin fil-Milied*
*• Li tkabbar aktar sens ta' ħbiberija fost id-dilettanti tal-presepju*
*• Li tappoġġja x-xogħol tal-artisti u tal-kittieba fejn jidħol artiġġjanar u letteratura konnessi mal-presepju*
*• Li torganizza korsijiet u lectures konnessi mal-bini tal-presepju*
*• Li twaqqaf wirja permanenti tal-presepju*
*• Li toħloq relazzjonijiet kemm fuq bażi nazzjonali u internazzjonali ma' entitajiet simili. Dawn ir-relazzjonijiet iservu għal bdil ta' aħbarijiet kif ukoll għal pubblikazzjonijiet dwar xogħlijiet tal-presepju.*

# MIXJA TA' TLETIN SENA...

Daqshekk hu! Nhar is-7 ta' Ottubru, 1986 l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta tat l-ewwel pass biex treġġa' l-presepju lura lejn iċ-ċentru tal-Milied Malti. Fi ftit xhur oħra ser niċċelebraw it-tletin sena minn dan it-twelid...tletin sena ta' stinkar biex il-Kewba li mexxiet lill-Maġi lejn il-grotta ta' Beltem, iżżur id-djar Maltin u tfakkar lil min jgħix fihom li l-ewwel u qabel kollox il-Milied ifakkar it-Twelid ta' Ġesu Bambin.

Mixja ta' tletin sena...ma kinitx faċli. Mhux l-ewwel darba li l-Għaqda kien jinħtiġilha tiffaċċja atmosfera ta' apatija minn min kien mistenni jagħti appoġġ. It-triq mhux dejjem kienet lixxa jew għall-wita. Il-Kunsilli li mexxew l-Għaqda tul dawn is-snin kellhom jitilgħu tlajja, jwarrbu ostakli u jilqgħu sfidi biex jilħqu l-għanijiet li għalihom twaqqfet l-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta.

Dawn kollha żiedu d-determinazzjoni tal-membri tal-Għaqda biex jibqgħu mexjin u jħarsu biss 'l quddiem. L-għanijiet tal-Għaqda, mibnijin fuq l-imħabba lejn it-tradizzjonijiet Maltin u l-ispirtu veru tal-Milied bdew jintlaħqu. Il-presepju beda jżid fil-popolarita tiegħu bir-riżultat li żdiedet il-preżenza tiegħu fid-djar u postijiet pubbliċi f'Malta. Bil-ħidma tal-Kunsilli li mexxew l-Għaqda u l-interess muri mill-membri li żdiedu sena wara l-oħra, t-triq 'l quddiem bdiet dejjem teħfief. Il-presepju reġa' sab il-post li jixraqlu – fiċ-ċentru tal-Milied Malti.

Wara ftit snin bdew il-kuntatti ma' għaqdiet simili barra minn Malta, biex il-kultura tal-Milied Malti bdiet titħallat ma' dik ta' pajjiżi oħra. Presepisti Maltin żaru presepji f'pajjiżi oħra viċin tagħna u Ħbieb tal-Presepju minn pajjiżi barranin ġew jiltaqgħu magħna u japprezzaw il-presepju Malti. Bis-saħħa ta' dan diversi membri tal-Għaqda rnexxielhom iwasslu l-presepju Malti fi djar u wirjiet barranin. Ma kienx biżżejjed...l-Għaqda kompliet taħdem ma' għaqdiet barranin sakemm fl-2008 sar l-ewwel skambju ta' numru sabiħ ta' presepji ma' għaqda presepistika ġewwa Vosendorf, fl-Awstrija. Xejn inqas minn ħamsa u għoxrin presepju telqu minn Malta lejn dan il-post viċin Vienna fil-waqt li daqstant ieħor kienu fi triqithom minn Vosendorf lejn Malta. Il-wirja tagħna dik is-sena infetħet mill-Ambaxxatriċi tal-Awstrija f'Malta.

Il-mixja kompliet u f'egħluq il-25 sena tal-Għaqda, inġieb Malta presepju artistiku maħdum mill-melħ fuq pedana ta' madwar 70 metru kwadru bi statwi tat-terracotta. Dan ġie minn Caltagirone fi Sqallija u ntrama fl-MFCC, Ta' Qali. Fl-istess sena, presepju Malti kien armat fil-kattidral ta' Brussell fuq inizjattiva tal-Ambaxxatur Malti fil-Belgju.

Issa konna qbadna ritmu tajjeb. Il-popolarita tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta qabdet sew anke barra minn xtutna, u fl-2012 irnexxielna nġibu numru

ta' presepji maħduma mill-qasab mill-belt ta' Chieti fl-Italja. Kien imiss li l-presepju Malti jerġa' jsiefer u jmur iżur belt oħra barranija u fl-2014 ftit aktar minn għoxrin presepju ittellgħu Acitrezza fi Sqallijja biex ittellgħet wirja ta' presepji minn Malta f'din il-belt, provinċja ta' Catania.

Dan kollu kien jeħtieġ ħafna xogħol preparattiv u kien hemm min ħaseb li l-Għaqda qed titraskura l-għanijiet li għalihom twaqqfet f'Malta. Xejn minn dan, fil-waqt li ħadmu bis-sħiħ biex l-attivitajiet li semmejna jkollhom is-suċċess li fil-fatt wasal, it-tmexxijja tal-Għaqda ħadet ħsieb biex tmexxi 'l quddiem l-iskop li għalih twaqqfet fl-1986...li terġa' tpoġġi l-presepju fil-Milied Malti. Biex dan seta jsir l-Għaqda ħasbet biex tagħmel xi tibdiliet fl-organizzazjoni. Bdiet bit-tneħħija ta' kompetizzjoni waqt il-Wirja Annwali, introduċiet regolamenti għall-parteċipazzjoni fl-istess wirja, ħolqot korsijiet u lectures dwar il-presepju u l-bini tiegħu li għadhom isiru sal-lum. Fuq kollox, inkiteb mill-ġdid l-Istatut tal-Għaqda li kien ġie tradott minn dak tal-Associazione Amici del Presepio tal-Italja fl-1987. Dawn il-passi kienu jinħtieġu deċiżjonijiet kultant iebsa, li l-Kunsill ma ddejjaqx jieħu u li finalment servew biex l-Għaqda timxi aħjar.



L-Ewwel Laqgħa Ġenerali
mix-xellug: Guido Lanfranco, Pawlu Testa, Austin Galea (Fundatur) u Joe Cordina.
Ritratt kortesija ta' Guido Lanfranco.

Mixja sabiħa...bdiet bil-mod u żiedet fir-ritmu matul is-snin. Forsi xi ħadd jistaqsi: Wasalna? Tmiem il-mixja tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta ma jistax jasal. Il-ħidma tal-Kunsill Amministrattiv u l-membri tal-Għaqda saret missjoni li trid tkompli tistinka biex il-presepju jkompli jinbena mhux biss f'kull dar imma wkoll u b'mod partikulari f'kull qalb Maltija.

M'għandiex ambizzjoni li xi darba ngħidu "wasalna"...imma d-determinazzjoni li nibqgħu mexjin 'l quddiem qiegħda hemm u qed tissaħħaħ ma' kull sena li tgħaddi.

Nawgura lil kulħadd sena ta' xogħol li jwassalna biex niċċelebraw kif jixraq dan l-anniversarju u nilħqu l-għanijiet tagħna dejjem aktar.

**Charles Bellia**

# IL-FULJETT

F'paġna oħra ta' din il-ħarġa tal-fuljett ktibt li matul is-snin li għaddew, it-tmexxijja tal-Għaqda ħtiġilha tieħu deċiżjonijiet li għall-ewwel aktarx li ħasdu lil xi wħud minħabba li kienu jitrattaw tibdil għal drawwiet li kienu rabbew l-għeruq fost il-membri. Ħafna jiftakru it-tħassib ta' wħud meta l-Kunsill Amminitrattiv iddeċieda li jelimina il-kompetizzjoni mill-Wirja Annwali. Kien hemm min ħaseb li din tal-aħħar ser tmur lura...imma ġara l-kontra. Il-livell tax-xogħlijiet beda tiela u sal-lum għadna naraw titjib minn kull lat fil-wirja tagħna.

Kien hemm żmien meta biex issir il-wirja kien ikun provdut it-trasport tal-presepji - dawra ma' Malta li kienet tiswa ħin prezzjuż u spejjeż żejda. Illum kull esibitur iwassal il-presepju tiegħu fis-sala u jieħdu lura wara l-wirja.

Erbatax-il sena ilu, kien suġġerit aġġornament tal-Istatut, li kien kopja ta' wieħed Taljan. Kien hemm min ikkummenta li l-Għaqda ser titgerfex... l-Istatut inkiteb kollu mill-ġdid u t-tmexxijja tal-Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta saret aktar serja b'regolamenti ċari għal kulħadd.

Ftit tas-snin ilu l-Kunsill ħaseb biex jagħti dehra ġdida lill-fuljett "Il-Presepju". Kiber id-daqs u żdiedu l-paġni. Ma baqax iżjed il-fuljett sempliċi, bi ftit paġni mimlija aħbarijiet u avviżi tal-għaqda. Sar perjodiku formali, ħafna attraenti, bi stejjer interessanti u aħbarijiet minn pajjiżi barranin. Il-kitbiet saru iktar professjonali u informattivi, anke permezz tal-internet li pprovda minjiera ta' idejat  u stejjer. Bdew jiġu stampati aktar kopji minn dawk meħtieġa għall-membri, bit-tama li dawn jitqassmu lill-pubbliku waqt il-wirja.

Ir-riżultat ma kienx eżattament dak li xtaqna. Kull sena bdejna nispiċċaw b'ammont ġmielu ta' fuljetti li ma jittiħdux mill-pubbliku u allura kienu jintefgħu fil-parti ta' ġewwa tas-Sala San Franġisk, fejn l-umdita kienet tagħmel straġi mill-karta, bir-riżultat li ħafna minn dawn il-fuljetti kellhom kemm il-darba jintremew.

Waqt diversi laqgħat, il-Kunsill iddiskuta l-futur tal-fuljett u kien hemm drabi meta l-ideja li dan ikun ippubblikat inqas minn erba' darbiet fis-sena kienet tkun waħda mill-proposti. Mistoqsija persistenti kienet dejjem tkun: "X'effett qed ikollu l-fuljett fuq il-mixja tal-Għaqda?" Ir-risposta ma kinetx waħda ċara, inqas setgħet tinstab risposta faċli għaliha. Biex tiżdied il-problema "fuljett" il-ħlas tal-posta żdied konsiderevolment biex illum qed jiswa xejn inqas minn €70 għal kull ħarġa. Dan l-ammont miżjud mal-ispejjeż tal-istampar, eċċ., sar piż sinjifikanti fuq il-finanzi tal-Għaqda. Dan jinħass iktar meta nharsu lejn in-nuqqas ta' dħul ta' finanzi u n-numru ta' membri li ma jħallsux il-miżata regolarment.

Dan kollu wassal biex il-Kunsill jieħu deċiżjoni oħra b'kuraġġ. Minn Jannar 2016, il-qies tal-fuljett ser jiċkien u l-ammont ta' kopji stampati jonqos. Finalment kien deċiż, anke f'konformita tal-Istatut tal-Għaqda, li l-fuljett ma jintbagħatx lil dawk il-membri li jaqgħu lura iktar minn tliet snin fil-ħlas tal-miżata. Dan kollu sabiex innaqqsu l-ispejjeż tal-produzzjoni tal-fuljett, spejjeż li jistgħu jintefqu fuq proġetti li jistgħu jkunu aktar produttivi fil-mixja tal-Għaqda 'l quddiem.

Nixtieq intemm din il-kitba billi nirringrazzja lill-Editur tal-fuljett, is-Sur Frans Chircop, li ħarġa wara l-oħra jiġbor materjal u jadattah għall-iskop tagħna, kif ukoll nirringrazzja lil dawk kollha li xi darba offrew kitbiet biex ikunu nklużi fil-fuljett. Lil dawn kollha ninkoraġġihom biex jibqgħu jipprovdulna kitbiet interessanti, anke jekk xi ftit iqsar minn dawk li soltu jibgħatulna.

**Charles A. Bellia**
**Segretarju/PRO**

**Trid tibqa' titqies bħala Membru tal-**
**Għaqda Ħbieb tal-Presepju – Malta?**

***ĦALLAS IL-MIŻATA***
***għas-Sena 2016!***

Dan tista' tagħmlu billi tibgħat "cheque" ta' € 5
(tfal taħt l-14 il-sena €2)
Lis-Segretarju, 56, Amaltea, Triq il-Marġ, Attard ATD2382.

L-Istatut tal-Għaqda jgħid li:
Il-miżata għas-sena kurrenti trid titħallas sat-30 ta' April, 2016.

# Il-Milied ġo San Francisco

Il-festi tal-Milied ġo l-Amerika, jibdew mill 25 ta' Novembru, il li jsejħulu "Jum ta' Ringrazzjament"; għalhekk il-belt ta' San Francisco tkun lesta għal din il-ġrajja ta' kull sena. It-toroq huma mżejna u d-daqq tal-qniepen ġot-toroq, b'għanjiet tal-Milied, jinstemgħu l-biċċa l-kbira tal-jum kemm hu twil.

Il-ħwienet kollha mimlija affarijiet ta' rigali u ġugarelli, għax hawn il-Milied kulħadd jagħti rigali lil qrabatu, lil ħbiebu, lil uliedu u għalhekk f'dawn il-jiem il-kummerċ ikun wisq kbir għall-ġens Amerikan. Is-Siġar tal-Milied ġa jinsabu fid-djar ta' kull familja, imżejnin u mixgħulin u kulħadd jitgħaxxaq bihom jarahom wara twieqi. Taħt is-siġra tal-Milied jitlestew ir-rigali fil-kaxxi, marbutin b'żigarelli kuluriti.

It-tfal kollha jistennew bil-ħerqa l-Milied u jistennew lil Santa Claus jinżel minn ġoċ-ċumnija u jagħmlilhom ir-rigali taħt is-siġra. L-għada tal-Milied imbagħad it-tfal imorru għand tfal oħra juruhom dawk il-ġugarelli li jkun ġibilhom (minn għalihom) Santa Claus. Dawn il-jiem huma ta' ferħ kbir għat-tfal li l-ġenituri tagħhom jistgħu jferrħuhom u kważi kull omm tferraħ lil uliedha b'dak li jixtiequ. Tara eluf ta' tfal mal-ġenituri deħlin fil-ħwienet u joħorġu mgħobbijin bil-ġugarelli. Jittieħdu ritratti ma' Santa Claus, li t-tfal jiġġennu meta jarawh. Santa Claus jagħtihom il-ħelu u jistaqsihom x'jixtiequ għall-Milied, biex huwa jinżel miċ-ċumnija u jpoġġihomlhom taħt is-siġra.

Il-ferħ tat-tfal aktar jikber meta joqrob il-jum u ommhom tgħidilhom li l-għada fil-għodu huma jsibu l-affarijiet li talbu lil Santa Claus. Bħalma jgħidu l-akbar Santa Claus ikun ġol-belt ta' San Francisco, ġor-roqgħa ta' Stnestown, fejn jagħmlu festi kbar. Kull belt għandha l-briju tagħha, b'ħafna siġar barra t-triq kollha mixgħula u mżejna. Santa Claus ikun raġel b'leħja kbira bajda, b'qalziet u ġakketta ħomor, beritta ħamra u żarbun twil.

Tħares fejn tħares kullimkien tara lil Santa Claus u s-siġra wisq magħrufa. Mhux it-tfal biss, imma ukoll il-kbar ikunu ħienja, għax dawn il-jiem jimlewk bil-ferħ. L-isptarijiet jinbagħtu s-siġar tal-Milied u ħafna rigali lill-imsejkna tfal morda, li jkunu jistennew ukoll lil Santa Claus, li dan idur lil kull tifel marid, wieħed, wieħed, u jagħtih rigal.

## Ġabra għat-tfal ta' San Ġużepp ta' Malta

It-tfal ta' San Ġużepp ta' Malta, din is-sena sa jkollhom ukoll ir-rigal tagħhom. Fil-fabbrika fejn qiegħed naħdem jien, saret ġabra mill-impjegati Maltin biss, li għaliha ħarġu dollar kull wieħed għal dawn it-tfal ta' San Ġużepp. Inġabru 54 dollar li se jintbagħtu Malta. Din hija tassew karita mat-tfal fil-bżonn u dan hu

ħsieb tassew ta' min ifaħħru. Nittama li sena oħra ħafna Maltin ġo San Francisco kemm ukoll f'postijiet ġo l-Amerika u ġo l-Awstralja, jieħdu l-eżempju sabiħ mill Maltin tal-fabbrika tiegħi, u hekk inferrħu l-ħafna tfal Maltin.

Meħuda lill-Gazzetta "Il-Berqa" tal-Ġimgħa, 24 ta' Diċembru 1954.

Nota…. Dan l-artiklu qed nippublikah għax sibt din gazetta fost l-affarijiet li kien jerfa' missieri u li fakkritni fil-memorja tiegħu f'dawn iż-żminijiet.

**Tony Scerri**




MIT TIFRIK
GHAL HAJJA





